MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 559/2004

Patrick **SPITERI** personalment u bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' *Foresight Holdings Limited*

vs

**IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta' Lulju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur *proprio* u *nomine* talab li din il-Qorti (a) ssib li l-kumpannija attriċi m'għandhiex tagħti lill-imħarrek is-somma li permezz ta' ittra uffiċjali talabha tħallsu bħala taxxa, kontribuzzjonijiet

tas-sigurta’ soċjali u taxxa u kontribuzzjonijiet tas-sigurta’ soċjali addizzjonali, u (b) għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, tħassar l-imsemmija ittra uffiċjali u l-effetti u kif ukoll dawk tal-Avviż ta’ Talba għall-Ħlas (aktar ’il quddiem imsejjaħ “ATĦ”) mehmuż magħha. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta’ Settembru, 2004, li bih tat direttivi lill-attur għat t-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fl-1 ta’ Ottubru, 2004;

Rat li l-attur naqas li jwettaq l-ordnijiet l-oħrajn magħmulin fl-imsemmi degriet tagħha;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ Settembru, 2008, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrek;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-14 ta’ Ottubru, 2008, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qanqal il-kwestjoni tan-nuqqas ta’ siwi tal-Att taċ-Ċitazzjoni billi (i) ladarba l-ittra uffiċjali li huwa bagħat hija titolu eżekuttiv, il-proċedura mibdija mill-attur *proprio* u *nomine* mhix dik maħsuba fil-liġi u billi (ii) minħabba li l-ittra kienet tressqet fil-Qorti tal-Maġistrati, kull proċedura biex tattakka dik l-ittra kellha titressaq quddiem dik il-Qorti u mhux quddiem din u wkoll billi (iii) l-azzjoni tressqet qabel waqtha għall-finijiet tar-Regola 24(4) tar-Regoli dwar *Final Settelement System* u tal-artikolu 116(2) tal-Att dwar is-Servizzi Soċjali. Laqa’ wkoll billi qal li din il-Qorti m’għandhiex is-setgħa li tisma’ l-kawża minħabba l-valur tagħha, ladarba l-ammont mitlub jaqa’ taħt l-€ 11,646.87. Fil-mertu, laqa’ billi l-allegazzjonijiet tal-attur *proprio* u *nomine* dwar it-tħaddim ta’ impjegati mal-kumpannija attriċi ma kinux minnhom;

Rat iż-żewġ Noti mressqin mill-imħarrek fil-15 ta’ Ottubru, 2008;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fl-20 ta’ Ottubru, 2008, b’affidavit bix-xhieda ta’ Simon Farruġia;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-imħarrek waqt is-smigħ tal-20 ta' Novembru, 2008[1], li bih fissret li r-raba' eċċezzjoni kellha tinftiehem fis-sens li l-azzjoni attriċi, għal dak li jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurta' soċjali, waqgħet bl-għeluq taż-żmien li fih setgħet titressaq u mhux bħala waħda li tressqet qabel iż-żmien;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2008, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra kellha ssir it-trattazzjoni dwar dawk l-eċċezzjonijiet preliminari li jolqtu s-siwi tal-azzjoni attriċi;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat tal-attur waqt is-smigħ tal-5 ta' Marzu, 2009[2], biex ifisser il-bażi legali li fuqha tinbena l-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-23 ta' Marzu, 2009[3], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *proprio* u *nomine* fis-6 ta' Mejju, 2009[4], bi tweġiba għal dik imressqa mill-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet tan-nullita' tal-azzjoni attriċi u tas-setgħa ta' din il-Qorti li tqis il-kwestjoni *ratione valoris*;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex tattakka u twaqqa' ittra uffiċjali eżekutiva mibgħuta lill-atturi mill-Kummissarju tat-Taxxi

[1] Paġ. 41 tal-proċess
[2] Paġ. 42 tal-proċess
[3] Paġġ. 43 sa 53 tal-proċess
[4] Paġġ. 57 sa 61 tal-proċess

interni għall-finijiet tal-artikolu 44 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta’ Malta flimkien ma’ ATĦ;

Illi l-imħarrek laqa’ b’eċċezzjonijiet dwar is-siwi tal-proċedura meħuda mill-atturi. Laqa’ wkoll b’eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija erba’ eċċezzjonijiet preliminari, u jiġifieri dwar jekk kienx sewwa li l-kawża titressaq kif tressqet u fiż-żmien li tressqet; u wkoll dwar jekk messhiex tressqet quddiem din il-Qorti ladarba l-ittra uffiċjali attakata mill-atturi kienet tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti u li huma rilevanti għall-kwestjonijiet mistħarrġa b’din is-sentenza, jirriżulta li l-attur *proprio* huwa direttur tal-kumpannija attriċi;

Illi b’ittra uffiċjali maħruġa fis-17 ta’ Ġunju, 2004[5], il-Kummissarju mħarrek interpella lill-atturi biex, fi żmien jumejn, iħallsuh is-somma ta’ Lm 2509.50[6] taħt il-kawżali fiha mfissra relattivi għas-sena bażi bejn Jannar u Diċembru tal-2003. Meħmuż ma’ dik l-ittra uffiċjali kien hemm ATĦ li kien iġib id-data tat-2 ta’ April, 2004, u li jispjega wkoll kif kien magħmul l-ammont li jissemma fl-ittra uffiċjali. Dik l-ittra uffiċjali tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. L-atturi laqgħu n-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju u d-dokument mehmuż fil-15 ta’ Lulju, 2004. Fit-30 ta’ Lulju, 2004, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali marbutin mal-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-Kummissarju mħarrek jolqtu kemm l-aspett formali tal-att ġudizzjarju li bih inbdiet din il-kawża u wkoll dak tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti *ratione valoris*;

Illi, kif inhu xieraq, l-ewwel stħarriġ li l-Qorti jmissha tagħmel huwa dak **dwar jekk l-att taċ-Ċitazzjoni jiswiex**. Jekk il-Qorti ssib li dak l-att huwa null, ma jkunx hemm

[5] Dok “A”, f’paġ. 5 tal-proċess
[6] Li jġibu €5,845.56 fi flus tal-lum

għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza;

Illi fost l-argumenti mressqin mill-imħarrek dwar din l-ewwel eċċezzjoni, hemm dak li jgħid li l-azzjoni attriċi jonqos fiha l-bażi legali biex setgħet issir. Dan baqa' jtennih minkejja li fis-smigħ tal-5 ta' Marzu, 2009, l-għaref difensur tal-atturi għamel verbal li fih fisser il-bażi legali tal-azzjoni mressqa mill-klijenti tiegħu;

Illi biex wieħed isejjes kif imiss l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju, wieħed irid juri li d-difett fl-att li jkun huwa wieħed li l-liġi nnifisha tqisu bħala tali. Il-liġi proċedurali[7] taħseb f'erba' ċirkostanzi li jwasslu biex tintlaqa' eċċezzjoni bħal dik, u f'uħud minn dawk l-erba' ċirkostanzi wkoll, l-eċċezzjoni tista' ma tintlaqax jekk il-ħsara mġarrba mill-parti l-oħra tkun tista' tissewwa mod ieħor jew jekk il-parti l-oħra tissokta tmexxi 'l quddiem il-każ tagħha bla ma tqajjem il-kwestjoni tas-siwi tal-att jew jekk kemm-il darba l-att jista' jissewwa b'mod ieħor kif maħsub fil-liġi nnifisha[8];

Illi dan juri li l-liġi tqis in-nullita' tal-atti ġudizzjarji bħala ġrajja eċċezzjonali li sseħħ biss fejn il-ksur ikun wieħed radikali jew tassattiv. Ir-regola hi li l-att kemm jista' jkun jiġi salvat u li jingħata lok biex il-kwestjoni msemmija fl-att ġudizzjarju tkun mistħarrġa fil-mertu tagħha iżjed milli fuq is-siwi jew le tal-att li bih titressaq[9];

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju mħarrek, safejn titkellem dwar in-nuqqas ta' bażi legali tal-azzjoni attriċi, ma tistax f'dan il-każ titqies bħala waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba biex twassal għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-att. In-nuqqas ta' bażi legali f'azzjoni ma tistax titqabbel ma' xi nuqqas formali fl-att ġudizzjarju li jkun. Jidher li l-eċċezzjoni tgħaqqad il-kunċetti ta' irritwalita' u inammissibilita' flimkien. M'hemm l-ebda dubju li ż-żewġ termini għandhom tifsira għalihom: azzjoni tista' tkun inammissibbli għalkemm ritwali. Huwa minnu li dawn iż-

[7] Art. 789(1) tal-Kap 12
[8] *Prov* art. 789(1) u art 789(2) tal-Kap 12
[9] Ara, per eżempju, P.A. RCP **12.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Licari noe vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.iii.1206**) a fol. 1218 – 9

żewġ kunċetti ġieli jintużaw kull waħda bil-fehma tal-oħra u li l-linja bejn waħda u oħra m'hijiex konsistentement ċara, imma din il-Qorti ssib li dan m'huwiex sewwa. L-aspett tar-ritwalita' ta' azzjoni huwa marbut mal-forma tal-att li bih titressaq[10]; filwaqt li l-ammissibilita' tagħha hija marbuta mal-mertu jew sustanza tal-azzjoni, ukoll jekk tali inammissibilita' tkun waħda proċedurali u l-att li biha tkun inbdiet ikun għal kollox regolari[11];

Illi din is-sentenza hija limitata għall-kwestjoni ta' jekk l-azzjoni tiswiex mill-aspett formali jew ritwali. Is-sottomissjonijiet kollha tal-imħarrek dwar din l-eċċezzjoni jintrabtu mal-fehma tiegħu ta' kif l-atturi kien messhom jippruvaw jikkontestaw it-talbiet tiegħu għall-ħlas. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel analisi mirquma tal-proċeduri speċjali maħsubin fiż-żewġ liġijiet partikolari li jgħoddu għall-każ. Madankollu, mkien ma jitkellem dwar is-siwi formali tal-Att taċ-Ċitazzjoni mressqa mill-atturi jew għaliex dak l-att ma kienx l-att xieraq;

Illi wieħed ma jridx jinsa li l-azzjoni ġudizzjarja hija dik li l-attur jagħżel li jiftaħ. M'huwiex l-imħarrek li jiddeċiedi x'messha kienet il-kawża li tressqet kontrih, sakemm tibqa' mħarsa l-kwestjoni dwar jekk ikunux jikkonkorru r-rekwiżiti meħtieġa mil-liġi għall-azzjoni magħżula[12]. Min-naħa l-oħra, meta attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid jerfa' r-responsabbilta' għal dik l-għażla, fis-sens li jeħtieġlu jressaq provi biex jissostanzjaha, u jrid jistenna wkoll li l-imħarrek jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa. L-azzjoni, kif inhu mgħallem b'awtorita', tiddependi mill-mod kif inhi mfassla. Huwa wkoll prinċipju ewlieni fil-qies li għandha tieħu l-Qorti tas-siwi ta' azzjoni mibdija f'Att taċ-Ċitazzjoni, li t-talbiet magħmulin mill-parti attriċi jintrabtu mal-premessi li jwasslu għal dawk it-talbiet;

---

[10] Ara, per eżempju, P.A. **17.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Ellul et noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1268**) u App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Navarro*** (Kollez. Vol: **LXX.ii.250**)

[11] Ara, per eżempju, App. Inf. **29.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Spiteri Debono et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.158**)

[12] Ara P.A. **6.12.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Axisa vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1198**) li hija sentenza fl-ambitu tal-azzjoni mnissla minn difett redibitorju

Illi l-Qorti hija tal-fehma li m'hemm xejn irritwali fl-azzjoni tal-atturi, u dan mingħajr ma tkun qegħda tagħmel ġudizzju dwar it-talba fil-mertu. B'mod partikolari, ma hemm l-ebda nuqqas fil-forma tal-Att taċ-Ċitazzjoni li dwaru l-artikolu 789 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jistabilixxi n-nullita';

Illi f'dan il-waqt, il-Qorti sejra żżomm sħiħ mal-aspett formali tal-eċċezzjoni taħt eżami u ma tagħmel l-ebda ġudizzju dwar sfumaturi li jolqtu l-mertu fil-qalba tiegħu. L-imħarrek jidher li qiegħed isuq l-argument tiegħu dwar l-eċċezzjoni tan-nullita' lejn dikjarazzjoni li t-talba tiegħu fl-ATĦ kien jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. Din il-Qorti ttenni li dan huwa l-mertu tal-kwestjoni u m'hijiex sejra tagħmel l-ebda dikjarazzjoni dwarha f'din is-sentenza;

Illi minbarra dan, l-argument tal-imħarrek jinbena fuq il-premessa li kull proċedura amministrativa li saret jew iż-żminijiet li l-atturi kellhom disponibbli biex jikkontestawha kienet tiddependi mill-fatt li l-ewwel avviż (jiġifieri l-ATĦ) kien tassew notifikat lill-atturi. Fl-atti tal-kawża dan il-fatt ma jirriżultax. It-tieni aspett hu li hi u tistħarreġ din l-eċċezzjoni proċedurali, l-Qorti ma setgħatx ma żżommx quddiem għajnejha li l-imħarrek ressaq pretensjonijiet kontra l-atturi taħt żewġ liġijiet speċjali. Dan jingħad għaliex għalkemm it-talba magħmula fl-ATĦ kienet magħmula f'dokument wieħed, il-proċedura maħsuba mill-imsemmija żewġ liġijiet speċjali biex wieħed jikkontesta talba bħal dik m'humiex l-istess;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni safejn din hija maħsuba li twaqqa' l-azzjoni tal-atturi minħabba nullita' tal-att ġudizzjarju li bih il-kawża nbdiet jew l-irritwalita' tal-istess azzjoni;

Illi taħt l-istess kappa tal-irritwalita' l-imħarrek iqanqal ukoll l-ipotesi tan-nullita' tal-azzjoni attriċi minħabba li hija maħsuba li twaqqa' l-effetti ta' ittra uffiċjali li tressqet kontra l-atturi f'qorti differenti minn din;

Illi mill-provi jiriżulta li l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-imħarrek lill-atturi tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-

kompetenza ċivili tagħha. L-atturi jilmintaw li l-kopja tal-ittra uffiċjali li laqgħu kienet turi żewġ qrati minn fejn inħarġet, u għalhekk ma kien hemm xejn ħażin li huma jifhmu li dik l-ittra tressqet tassew fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Jidher li l-kopja tal-ittra uffiċjali li waslet għand l-atturi[13] kienet issemmi żewġ qrati differenti fl-intestatura tagħha u kienet iġġorr kemm il-firma ta' avukat u kif ukoll ta' prokuratur legali[14]. Min-naħa l-oħra, fl-oriġinal tal-istess att ġudizzjarju[15], il-kliem "fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" huma ngassati u wkoll hemm timbru tal-ħlas tar-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati. Dan in-nuqqas ta' għamil li sar bi traskuraġni minn min ressaq l-att u minn min kien uffiċjalment imqabbad biex jirċevih ħalaq inkonvenjent bla bżonn lill-atturi u seta' induċihom (u x'aktarx lill-avukat tagħhom ukoll) biex jaħsbu li l-att tressaq fil-Qorti superjuri;

Illi l-imħarrek iqis li dan l-iżball tal-atturi kien wieħed fatali għalihom u jtenni li ladarba l-ittra uffiċjali fil-fatt tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, l-azzjoni meħuda mill-atturi quddiem din il-Qorti minflok quddiem il-Qorti li minnha nħarġet l-ittra uffiċjali. Din il-fehma tiegħu jsaħħaħha b'riferenza għal sentenza ta' dawn il-Qrati[16]. Madankollu, qari xieraq ta' dik is-sentenza juri li l-imħarrek ma jistax jistrieħ fuqha biex isostni l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju, imma, jekk ikun il-każ, l-eċċezzjoni tal-kompetenza tal-qorti fuq il-bażi tal-valur tal-kawża. Kemm hu hekk, dik hija sentenza espressament mogħtija fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza *ratione valoris* u mhux fuq l-irritwalita' tal-att ġudizzjarju. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-atti ta' dik il-kawża kienu tressqu taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kap 12, liema proċedura m'hijiex dik li biha l-atturi ressqu din il-kawża. Fuq kollox, f'dik l-imsemmija sentenza, mkien ma jingħad li l-att imressaq quddiem qorti biex jattakka att ġudizzjarju ieħor imressaq quddiem qorti differenti kien att null;

---

[13] Ara d-Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[14] Art. 180(1)(f) tal-Kap 12
[15] Ara Dok "A" f'paġ. 22 tal-proċess
[16] P.A. TM **5.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***World Wide Import/Export Co. Ltd vs Kontrollur tad-Dwana***

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti u fid-dawl ta' dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem f'din is-sentenza, lanqas ma jgħodd għal din l-eċċezzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 798(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar nullita' ta' atti ġudizzjarji maħruġin minn qorti li ma jkollhiex il-kompetenza li toħroġhom hi. Dan jingħad għaliex l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi tfissret li tgħodd biss għal dawk il-każijiet fejn att ġudizzjarju jkun inħareġ minn qorti li ma jkollhiex il-ġurisdizzjoni li tqis il-mertu jew is-somma msemmija f'att bħal dak[17]. Il-Qorti hija tal-fehma sħiħa li n-nuqqas ta' siwi ta' att ġudizzjarju minħabba li jkun inħareġ minn qorti li ma jkollhiex is-setgħa jew ġurisdizzjoni li tagħmel dan irid ikun jidher mill-att innifsu u mhux b'riferiment għal xi atti oħrajn li jkunu tressqu mill-partijiet jew min minnhom f'xi okkażjoni oħra;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li ntwera tajjeb biżżejjed li l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq mill-atturi jista' jitqies bla siwi jew milqut minn nullita' u għalhekk it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tqis **l-eċċezzjoni tal-kompetenza *ratione valoris***. L-imħarrek jibniha fuq l-argument li l-azzjoni attriċi tressqet quddiem din il-Qorti meta messha tressqet quddiem qorti oħra li għandha tieħu konjizzjoni tat-talba. Qiegħed jirreferi għall-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha u dan għaliex is-somma li huwa jippretendi li jitħallas mingħand l-atturi kienet taqa' fil-kompetenza ta' dik il-Qorti bħala valur[18];

Illi xieraq ħafna jingħad li din il-Qorti għandha setgħat ġurisdizzjonali oriġinali u ġenerali, u l-eċċezzjoni għat-twettiq tas-setgħat tagħha trid toħroġ mil-liġi nfisha. L-artikolu 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lok għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' setgħa jew kompetenza ta' Qorti milli tisma' kawża meta, għalkemm il-kwestjoni tkun ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, l-kawża tinġieb quddiem Qorti differenti minn dik li quddiemha messha

---

[17] Ara App. Ċiv. **23.1.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Strickland vs Laycock*** (Kollez. Vol: **XL.i.21**)
[18] Art. 47(1) tal-Kap 12

tressqet. Fil-qasam ta' kawżi ta' xejra ċivili (u li ma jkunux ta' kompetenza kostituzzjonali) is-setgħat ta' din il-Qorti huma stabiliti fl-artikoli 32(2) u 33 tal-Kodiċi proċedurali;

Illi kif ingħad, l-eċċezzjoni tal-imħarrek tirreferi biss għall-kwestjoni tal-valur involut fil-kwestjoni. Tajjeb jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-artikoli miġjubin warajh. Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[19]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[20];

Illi minbarra dan, il-fatt waħdu li l-valur ikun wieħed li jaqa' fil-kompetenza ta' qorti inferjuri, ma jwassalx lanqas biex din il-Qorti titlef is-setgħa tagħha biex tqis talba mressqa quddiemha. Dan jingħad għaliex il-liġi tagħmilha ċara li, f'ċerti ċirkostanzi[21], is-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' talba tmur lil hinn mill-kriterju tal-valur involut fil-kwestjoni li tinġieb quddiemha;

Illi din il-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi li għandha quddiemha tikkwalifika għal ċirkostanza bħal din. Aktar qabel, din il-Qorti diġa' wriet li għalkemm l-imħarrek bagħat lill-atturi ittra uffiċjali waħda b'ammont wieħed (għalkemm maqsum u mfisser taħt erba' kawżali), dik it-talba kienet qiegħda ssir taħt id-dispożizzjonijiet ta' żewġ liġijiet separati. Hu u jittratta din l-eċċezzjoni, l-imħarrek reġa' minn jeddu

---

[19] Art 32 tal-kap 12
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv **4.11.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406**)
[21] Art. 47(3) tal-Kap 12

semma’ ż-żewġ liġijiet u ż-żewġ proċeduri li huwa jgħid li l-atturi messhom segwew;

Illi huwa sewwasew minħabba f’dawn id-diversi proċeduri li jidher li l-eċċezzjoni tal-kompetenza ma tistax tintlaqa’. Dan għaliex fir-rigward ta’ din l-eċċezzjoni tiegħu, huwa jistrieħ fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47 tal-Kapitolu 372 tal-Liġijiet ta’ Malta (abbinat mar-Regolament 24 tal-Avviż Legali 98 tal-1998, kif emendat) u l-artikolu 116(2) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi qari taż-żewġ liġijiet li għalihom jirreferi l-imħarrek b’sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu ma jurix li dawk il-liġijiet jippreskrivu xi att ġudizzjarju partikolari biex persuna li tixtieq tikkontesta talba magħmula lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni jew mid-Direttur tas-Sigurta’ Soċjali, skond il-każ, għandha tagħmel dan. Kemm hu hekk, fil-każ tal-Kap 318, il-liġi tippreskrivi espressament li “id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili dwar il-proċediment quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak”[22]. Kif ingħad qabel, tali proċedura kellha tkun (dak iż-żmien li nfetħet din il-kawża) imressqa fis-sura tal-Att taċ-Ċitazzjoni bħala l-proċedura ġenerali li biha titressaq kawża quddiem din il-Qorti. Fil-każ tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 372, tajjeb li jingħad li filwaqt li l-liġi ewlenija (jiġifieri l-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa) tagħti lill-Kummissarju setgħa li jfittex lil xi persuna għall-ġbir tat-taxxa quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew quddiem il-Qorti tal-Maġistati fil-kompetenza ċivili tagħha[23], il-liġi sussidjarja (jiġifieri l-Avviż legali 88 tal-1998) isemmi biss “Qorti tal-Ġustizzja” bħala l-*forum* li fih persuna li ma tkunx intlaqgħet il-kontestazzjoni tagħha għall-ATĦ tista’ tfittex ir-rimedju tagħha[24];

Illi bagħad, kif sewwa qalu l-atturi fin-nota ta’ sottomissjonijiet tagħhom, m’huwiex xieraq li persuna taxxabbli li lilha jinħareġ avviż jew talba għall-ħlas b’att

[22] Art. 116(2)(h) tal-Kap 318
[23] Art. 47(1) tal-Kap 372
[24] Reg. 24(4) tal-A.L. 88/98

wieħed, ikollha tissielet dik it-talba b'żewġ proċeduri separati;

Illi, ladarba l-liġi nnifisha ma tippreskrivix xi att ġudizzjarju ieħor partikolari għal proċedura bħal dik, u ladarba jidher li l-ħsieb tal-leġislatur huwa dak li l-proċedura ta' kontestazzjoni titressaq quddiem qorti ta' kompetenza ċivili jekk mhux saħansitra quddiem din il-Qorti, allura m'huwiex sewwa li l-imħarrek jippretendi li l-atturi kellhom iressqu kawża kontrih quddiem qorti oħra jew permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża mhix sejra tintlaqa';

Illi jifdal biss tkun mistħarrġa r-**raba' eċċezzjoni preliminari**. Kif ingħad qabel, it-tfassila tagħha hija fis-sens li l-azzjoni attriċi hija intempestiva. Imma bit-tifsira mogħtija mill-avukat tal-imħarrek fl-ewwel smigħ, ħareġ li din l-eċċezzjoni tgħid li l-azzjoni attriċi tressqet wara ż-żmien effettiv li fih setgħet titressaq. Fis-sewwa, din hija eċċezzjoni ta' dekadenza tal-jedd tal-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti jidhrilha xieraq li dwar din l-eċċezzjoni ma tgħaddix biex tagħti fehma għalissa. Minħabba l-fatt li l-imħarrek jibni l-każ kollu dwar din l-eċċezzjoni fuq preżunzjoni ta' fatt li s'issa ma jirriżultax mill-atti, u li minnu kien jiddependi l-proċess kollu tal-kontestazzjoni li l-imħarrek jgħid li l-artturi kellhom disponibbli għalihom, ma jidhirx li jkun xieraq – għall-ebda waħda mill-partijiet fil-kawża – li l-fehma jew il-ġudizzju tal-Qorti jinbena fuq suppożizzjoni li ma tkunx ippruvata. Dan huwa minnu aktar u aktar meta wieħed iqis l-effett radikali li jista' jkollu dak il-ġudizzju kieku l-eċċezzjoni kellha tintlaqa';

Illi għalhekk, f'dan il-waqt tal-kawża, il-Qorti tirriżerva li tagħti l-fehma tagħha dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari, b'kap separat, wara li l-partijiet ikunu ressqu l-provi tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** tal-Kummissarju mħarrek bl-ispejjeż kontrih;

**Tastjeni milli tagħti ġudizzju f'dan l-istadju dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari**, sabiex tisma' l-provi tal-partijiet; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni dwar il-mertu u dwar l-imsemmija raba' eċċezzjoni preliminari, għas-smigħ ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Jannar, 2010, u tissejjaħ fil- 11.30am. .

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------